# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-31 ta' Lulju 2008**

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/236/KE dwar kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw il-prodotti tas-sajd li jiġu impurtati mill-Indoneżja u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3988)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/660/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji u l-ħtiġijiet ġenerali tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistipula l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/236/KE tal-21 ta' Marzu 2006 dwar kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw il-prodotti tas-sajd li jiġu importati mill-Indoneżja u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem [3] ġiet adottata minħabba li r-riżultati ta' żjarat ta' spezzjoni Komunitarji fl-Indoneżja wrew nuqqasijiet serji fejn tidħol l-iġjene waqt l-immaniġġar ta' prodotti tas-sajd f'dan il-pajjiż terz. L-ispezzjonijiet urew wkoll nuqqasijiet serji fil-kapaċità ta' l-awtoritajiet Indoneżjani li jwettqu kontrolli affidabbli fuq il-ħut, partikolarment biex jiddeterminaw il-preżenza tal-ħistamina u l-metalli tqal fl-ispeċijiet rilevanti.

(2) Id-Deċiżjoni 2006/236/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull kunsinna ta' prodotti tas-sajd impurtata mill-Indoneżja jsirulha t-testijiet neċessarji biex ikun żgurat li l-prodotti ma jeċċedux ċerti livelli massimi għall-metalli tqal u li, fil-każ ta' ċerti speċijiet, għandu jsir test biex jiddetermina l-preżenza ta' l-istamina.

(3) Id-Deċiżjoni 2006/236/KE tistipula wkoll li dik id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fuq il-bażi tal-garanziji pprovduti mill-awtoritajiet Indoneżjani kompetenti u fuq il-bażi tar-riżultati tat-testijiet magħmula mill-Istati Membri.

(4) L-Indoneżja issa pprovdiet il-garanziji xierqa lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-riżultati tat-testijiet magħmula mill-Istati Membri fuq il-prodotti tas-sajd impurtati minn dak il-pajjiż terz huma favorevoli kemm fejn jidħlu l-metalli tqal fil-prodotti ta' l-akkwakultura u kemm fejn tidħol l-istamina. Għaldaqstant, ma għadx hemm il-ħtieġa li wieħed jittestja kull kunsinna ta' prodotti tas-sajd ta' l-ispeċijiet rilevanti għall-preżenza ta' l-istamina u kull kunsinna ta' prodotti ta' l-akkwakultura għall-metalli tqal.

(5) Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2006/236/KE hemm referenza għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 tat-8 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel [4].Ir-Regolament ġie rrevokat u sostitwit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel [5]. Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi emendata dik ir-referenza.

(6) Id-Deċiżjoni 2006/236/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).
[2] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2008 (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 17).
[3] ĠU L 83, 22.3.2006, p. 16.
[4] ĠU L 77, 16.3.2001, p. 1.
[5] ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 629/2008 (ĠU L 173, 3.7.2008, p. 6).

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2006/236/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 1*

**Ambitu**

Id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-prodotti tas-sajd mill-Indoneżja u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem.

Madankollu, ma għandhiex tapplika għal prodotti ta' l-akkwakultura."

(2) L-Artikolu 2(1) huwa sostitwit b'li ġej:

"1. L-Istati Membri, permezz ta' pjanijiet ta' kampjunar u ta' metodi determinattivi xierqa, għandhom jaċċertaw li kull kunsinna ta' prodotti koperti mill-Artikolu 1 issirilha t-testijiet meħtieġa biex wieħed jiżgura li l-prodotti kkonċernati ma jaqbżux il-livelli massimi stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 (*) għall-metalli tqal.

(*) ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 31 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*